**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Nicholas Vella]**

**vs**

**Mandy Carmen Mifsud**

**Kumpilazzjoni Numru: 933/2014**

**Illum, 28 ta' Ottubru, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra Mandy Carmen Mifsud detentrici tal-karta tal-identita` numru 93394M akkuzata talli:

Fit-tmienja (8) ta' Awwissu elfejn u erbatax (2014), minghajr awtorizazzjoni nehhiet u hassret xi data, software jew dokumentazzjoni t'appogg, minn mobile phone ta' l-ghamla Blackberry u minn laptop tal-ghamla Fujitsu, liema mobile phone u laptop kienu proprjeta` tas-socjeta` Computer Domain Ltd. (Art. 337C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-ezami tal-imputata fejn hija wiegbet mhux hatja tal-akkuza kif dedotta kontriha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a folio 18) datat disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputata li hija wahda netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi f'dawn il-proceduri l-kumpanija Computer Domain Limited qed tallega illi mpjegata taghhom, u cioe` l-imputata, li

kienet ghadha kif tat ir-rizenja taghha, hassret *data* kemm mill-*laptop* tax-xoghol u anki mill-*mobile*.

Illi xehed l-**Ispettur Nicholas Vella** li esebixxa l-istqarrija tal-imputata. Huwa qal li kien irrapporta l-ghassa Nicholas Callus li l-impjegata tieghu Carmen Mifsud hassret xi dokumenti mill-*computer* li kien assenjat lilha. L-Ispettur gharaf lill-imputat fl-awla.

Inkontroezami l-Ispettur ikkonferma li huwa kien ircieva kwerela fis-26 ta’ Awwisu 2014. Sa dakinhar ma rcieva l-ebda *laptop* u *mobile phone*. Lanqas meta kien baghat ghal Nicholas Callus huwa ma kienx attenda l-ghassa bil-*laptop* u *mobile phone*. Huwa kkonferma li kien biss l-espert tal-Qorti li kien investiga l-*laptop* u l-*mobile phone*. L-Ispettur ikkonferma li l-allegazzjoni kienet fuq *data* li kienet qed tahdem fuqha l-imputata fil-kapacita` taghha ta’ General Manager ta’ Computer Domain.

Fl-istqarrija taghha l-imputata kkonfermat li kienet tahdem ma’ Computer Domain bhala *General Manager* izda ghazlet li ma twegibx ghad-domadni l-ohra.

Illi xehed il-parte civile, **Nicholas Callus**, li qal li huwa l-*managing director* tal-kumpanija Computer Domain Limited. Huwa qal li kellhom juzaw il-*master key* biex jidhlu fl-ufficcju ta' Mandy Mifsud ghaliex l-ufficcju kien maghluq u ghalkemm baqghu jistennewha l-imputata baqghet ma tfaccatx. Qal li kienu kkonfiskaw il-*laptop* taghha u marru jkellmuha. Il-parte civile gie mistoqsi jekk il-*laptop* seta' jintuza ghall-affarijiet personali u diversi domandi ohra anki da parti tad-difiza izda l-ebda risposta tal-parte civile ma hareg ghaliex skont it-*transcriber* kien hemm hsara fil-*microphone*.

Meta rega' xehed fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2015 il-parte civile qal li fit-8 ta' Awwissu 2014 kienet dahlet fl-ufficcju tieghu Miraide Callus Gatt li infurmatu li kienet qed tigi mhassra xi informazzjoni mill-*laptop* ta' Mandy Mifsud. Peress li f'dak il-perjodu Mandy kienet qed tahdem in-*notice period* iddecidew li jghidu lill-imputata biex titlaq mill-post tax-xoghol u l-*laptop* jigi ssigillat. Spjega li peress li Mandy Mifsud ma tfaccatx u l-ufficcju taghha kien maghluq iddecidew li jidhlu ghaliex kienu nkwetati li kienet qed tigi mhassra d-*data*. Wara certu hin huwa ra lil Mandy Mifsud fejn qalilha li kien dispjacut b'dak li ghamlet.

Skont ix-xhud l-imputata qaltlu li kulhadd hekk jaghmel. Il-parte civile qal li l-imputata biss setghet tuza l-*laptop* li nghata lilha mill-kumpanija. Hija kellha anki l-permess li tiehu l-*laptop* id-dar.

Inkontroezami l-parte civile kkonferma li kienet saret laqgha fejn l-avukat tal-imputata qal illi jekk il-kumpanija kellha bzonn xi informazzjoni l-imputata kienet lesta taghti tali informazzjoni. Ix-xhud qal li l-*laptop* ghaddewh lill-pulizija ssiggillat. Huwa qal li d-*data* li giet imhassra kienet tikkonsisti f'*emails* u xi *files* li Etienne Camilleri stess ra fizikament li kienu qed jigu *deleted*. Huwa kkonferma li l-*emails* kienu ntbaghtu minn Mandy Mifsud jew li hija stess irceviet. Huwa qal li l-kumpanija ma kellhiex "*policy li jigu dilitjati l-emails*". Huwa qal li mhuwiex normali li wiehed jiddilitja ammont daqshekk sostanzjali ta' *emails*. Qal li kien hemm xi informazzjoni li nstabet u affarijiet ohra li ma sabuhomx. Il-parte civile qal li ma setax jiftakar li l-avukat tal-imputata qalet li Mandy Mifsud (peress li ma kinitx ser tahdem in-*notice period*) kienet lesta tghaddi informazzjoni, *handover* jew affarijiet simili. Huwa kkonferma li d-*data* li giet imhassra kienet tikkonsisti f'*emails* li kellha access ghalihom u cioe` l-*email*

taghha u d-*data* li kellha access ghalih fuq is-*server* u dak li gie ssejvjat lokalment fuq il-*laptop* taghha.

Illi xehed l-espert **Dr. Martin Bajada** li spjega li kien gie nominat sabiex jara x'gie mhassar bejn is-6 u t-8 ta' Awwissu 2014 minn *laptop* u *mobile phone*. Ir-rapport tieghu gie esebit bhala Dok. MB1 a fol. 28 et seq. L-espert ikkonkluda illi l-*mobile* kien kompletament vojt izda meta ccekkja mas-*service providers* fit-8 ta' Awwissu kien hemm sitt telefonati mill-istess *mobile* u anki messaggi. Minn fuq il-*hard disc* innota li gew imhassra 6,000 *files*. Qal li kien hemm minn kollox bhala *files* pero` l-iktar prominenti kien il-Union Account. B'kollox "*gew retrieved 8 gigabytes of data*." Il-*files* li gew imhassra minn fuq il-*laptop* ukoll jinsabu esebiti fuq *optical diskette.*

Inkontroezami l-espert qal li l-lista tikkonsisti fil-*files* li gew *recovered*. Huwa spjega li ma jkunx hemm *data* meta l-*file* jkun gie mhassar u ghalhekk qal li ma jistax jaghti data ghal meta din l-informazzjoni kollha giet ikkancellata. Ikkonferma li jista' jkun li l-*files* thassru f'dati differenti, "*gie retrieved dak li gie deleted mhux meta gie deleted."* L-espert spjega li huwa impossibbli biex

wiehed isib id-dati ta' meta thassru dawn il-*files* kollha. Huwa kkonferma li analizza biss il-*laptop* u ma giex mitlub jara l-ebda *server* u allura ma jistax jghid jekk l-informazzjoni li gie *retrieved* ghadux jezisti jew le fuq is-*server*.

Dr. Bajada qal ukoll li peress li dan huwa *laptop* ta' *business environment* u li nghata lill-impjegata "*jista' jkun recycled u jiena rritrivjajt ta' haddiehor tas-snin ta' qabel.*" Spjega illi jekk wiehed ma jaghmilx certu process biex igib il-*hard disk* qisu gdid allura jitla' l-informazzjoni kollu li jsib fuq il-*laptop*. Huwa kkonferma li d-*data* giet *retrieved* minghajr data u fil-fatt ma jistax jghid kemm *on average* gie *deleted* bhala informazzjoni *on a daily/weekly basis*. Qal ukoll li f'dan il-kaz ma kienx hemm *unauthorised access (hacking*).

L-espert qal ukoll li ma kien hemm xejn li gie *deleted* li l-kumpanija ma setghetx tghix minghajra ghaliex l-informazzjoni li giet imhassra hija tal-*laptop* u mhux tas-*server*. Qal ukoll li l-kumpanija setghet tirritrivja kollox bhalma ghamel hu stess. Qal ukoll li l-*laptop* kellu access ghal dak is-*server* u seta' ghamel xi access biex jiddilitja minn fuq is-*server*. Mistoqsi mill-Qorti jekk

l-ezercizzju li huwa ghamel setghet taghmlu l-kumpanija qal li iva. Dwar il-*mobile* l-espert qal li huwa hareg il-kontenut.

Illi xehdet **Miraide Callus Gatt** li qalet li fit-8 ta' Awwissu 2014 kienet xoghol u riedet tara *file* li kienet tiehu hsibu l-imputata u meta marret tfittex dan il-*file* partikolari fejn qaltilha Mandy hija ma sabitux. Ix-xhud infurmat lil certu Etienne b'dan li meta mar hdejn l-imputata ra li kienet qed thassar xi informazzjoni mill-*laptop* u l-istess Etienne mar jinfurma x-xhud b'dan kollu. Hija qalet li dan il-*laptop* huwa proprjeta` tal-kumpanija. Hija marret tirraporta dan lid-Direttur Nick Callus u hadu decizjoni dak il-hin li jwaqqfu lill-imputata mill-impjieg taghha minnufih. Sakemm marret biex tinforma lill-imputata b'din id-decizjoni hija ma kinitx fl-ufficcju taghha. Irrispondiet it-telefonati taghhom wara xi ghoxrin (20) minuta u qalet li qieghda fuq *break* u li fadlilha nofs siegha. Ix-xhud qalet li stennietha ghal hafna hin u wara li ghaddew saghtejn iddecidew li jifthu l-ufficcju taghha u jiehdu l-*laptop*. Qalet li l-*laptop* ghamluh immedjatament go *envelope*, iffirmaw fuqu u ghamluh gos-*safe*. Ix-xhud gharfet lill-imputata fl-awla.

Inkontroezami x-xhud qalet li kienet l-imputata stess li kienet itterminat l-impjieg taghha u dan b'*resignation letter* (Dok. MM1) u l-ghada l-kumpanija ddecidiet li t-8 ta' Awwissu kien ser ikun l-ahhar gurnata ta' xoghol tal-imputata (Dok. MM2). Ix-xhud qalet li eventwalment il-*file* li kienet qed tfittex sabitu mill-*backup* li kellha l-kumpanija. Hija kkonfermat li r-rapport li ghamlet il-kumpanija mhijiex dwar *hacking* tas-sistema kollha tal-*computers* da parti tal-imputata. Ikkonfermat li ma kienx hemm *hacking* u lanqas serq ta' *passwords*. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li l-ufficcju tal-imputata kien jigi xxerjat filghaxijiet ma' persuna ohra. Qalet li bhala procedura bil-lejl l-ufficini kienu jissakkru pero` Mandy Mifsud kienet titlaq mix-xoghol fil-5pm u u wara l-5pm kien imur xi hadd u jaghmel uzu tad-*desk* tal-imputata.

Xehed ukoll **Etienne Camilleri** li qal li kellu ordni minghand Miraide Callus Gatt biex jiccekkja xi *files* fl-ufficcju ta' Mandy Mifsud (li huwa gharaf fl-awla bhala l-imputata). Meta kien fl-ufficcju tal-imputata quddiem il-*laptop* taghha induna li kienu qed jigi "*mormija xi data minn fuq il-laptop.*" Kien hemm ukoll ammont ta' *emails* neqsin u seta' jinduna b'dan ghaliex fuq is-

sistema taghhom ikollhom il-*logs* kollha ta' x'gara u ma garax. Huwa spjega li xoghlu huwa IT Assistant.

Inkontroezami x-xhud qal li huwa jiehu hsieb l-*IT infrastructure* tal-kumpanija u meta mar fl-ufficcju ta' Mandy Mifsud induna li "*kien hemm xi data qed tigi deleted dak il-hin stess. … Ghax rajt b'ghajnejja dak il-hin deleting.*" Huwa spjega li mar hdejn is-siggu ta' Mandy Mifsud allura kien qed jara l-i*screen* tal-*laptop* taghha sewwa u ra "*dak il-hin stess li kien hemm ammont sostanzjali ta' data li kienet qed tigi deleted.*" Ix-xhud ikkonferma li l-*emails* li gew imhassra kienu ta' Mandy stess. Huwa qal ukoll ir-rapport sar abbazi tal-fatt li: "*Meta tqabbel l-ammont ta' data li kien hemm current mad-data li kien hemm fuq il-back-up, kien hemm diskrepanza enormi ta' data nieqsa."* Huwa qal ukoll li ma kienx jaf minn fejn id-*data* bdiet tigi mhassra: "*setghet kienet minn fuq il-laptop lokali, setghet kienet minn fuq is-server.*" Ix-xhud qabel li d-*data* li kienet qed tigi mhassra kienet informazzjoni li kellha access ghalih l-imputata *on a daily basis*. Huwa kkonferma li ma kienx hemm rapport ta' *hacking.* Huwa qal li l-ammont ta' *data* li kienet qed tigi mhassra ma kienx normali.

Qal ukoll li "*hija sistema normali ta' kull post tax-xoghol*" li jigu kancellati u krejati *files*.

Xehed ukoll l-*accountant* tal-kumpanija Domain Group, **Robert Darmanin**, li spjega li huwa kien dahal fl-ufficcju tal-imputata flimkien mad-Direttrici Miraide Callus Gatt u dana billi wzaw il-*master key*. Minn hemm hadu l-*laptop* tal-kumpanija u ssiljawh go *envelope* u ffirmaw fuqu.

Illi d-difiza resqet bhala prova x-xhud **Dr. Nicola Magro Axelsson** li qalet li hija avukat u li ilha taf lill-imputata zmien twil. Qalet li l-imputata kienet marret tkellimha fit-8 ta' Awwissu 2014 fejn kellhom ukoll *meeting* l-ghada. L-imputat infurmata li tat ir-rizenja taghha u li kienet qed tigi intimidata. Skont ix-xhud l-imputata qaltilha li meta marret lura mill-**break** qalulha li trid tiehu l-affariiet u titlaq minnufih. Hija kienet tat lill-imputata l-parir li ma tiffirmax Dok. MM2 qabel ma jsir *meeting*. Il-kumpanija riedet li l-imputata titlaq minnufih fejn huma kienu lesti li jhallsu n-*notice period*. Ix-xhud qalet li kienet marret ghall-*meeting* mal-imputat fejn hija qalet lir-rapprezentanti tal-kumpanija illi jekk ikollhom bzonn xi haga jistghu jghidu lilha u

Mandy Mifsud kienet tipprovdilhom l-informazzjoni li kellhom bzonn u dan ghaliex ma kien hemm l-ebda *handover*. Qalet ukoll li l-kumpanija ma kienu talbu xejn wara u l-*meeting* spicca "*on good terms ... it seemed amicable*." Hija qalet li ma kien hemm l-ebda allegazzjonijiet ta' *computer misuse* dakinhar tal-*meeting* li sar fid-9 ta' Awwissu 2014.

Ikkunsidrat:

Illi l-proceduri odjerni jittrattaw l-Artikolu 337C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li gie introdott fil-Kodici Kriminali tramite Att VII tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u emendat bl-Att VII tas-sena elfejn u hmistax (2015).

Dan l-Artikolu tal-Kodici Kriminali kien ibbazat fuq il-Ligi dwar l-Uzu hazin tal-Kompjuter misjuba fil-legislazzjoni tar-Renju Unit tal-1990 fejn din il-ligi giet introdotta fir-Renju Unit biex timla l-lakuni fil-ligi kriminali ezistenti dak iz-zmien rigward l-uzu hazin ta' sistemi tal-kompjuter. Fil-fatt fir-rapport sostantiv tal-Kummissjoni dwar l-uzu hazin tal-kompjuter gie dikjarat illi:

*"An increasing degree of interest and disquiet has become apparent in recent years in relation to the implications of, and the possible misuse of, the computerization that plays an ever growing role in public, commercial and indeed private life. In this report we are concerned with one aspect of that public concern: the misuse of computers or computer systems by parties other than those entitled to use or control those computers, either by simply seeking access to the computers or amending the information held in them for what may be a wide range of ulterior motives. Such conduct can be generically described by the title of this report, 'Computer Misuse'.*

Fl-istess rapport gie konkluz li din il-ligi dwar l-Uzu hazin tal-Kompjuter kienet intiza biex timmira ghar-reati ta' *hacking* u mhux ghall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali izda pjuttost ghall-integrita` tas-sistemi tal-kompjuter.

**Matthew Richardson** fil-ktieb tieghu intitolat *Cyber Crime – Law and Practice*[1] jispjega liema huma l-elementi ta' dan ir-reat fir-Renju Unit fejn jghid:

> *"The actus reus of the offence under section 1 of the CMA 1990 is substantiated by causing a computer to perform 'any function' in order to secure access to it. In practice, therefore, the actus reus can be substantiated by relatively innocuous acts. . .*
>
> *Given the common sense meaning of section 1(1) of the CMA 1990 read alongside the interpretative provisions in section 17(2)(c) and (3), a simple act such as opening of a file on a computer can substantiate the offence, even if it is not apparent what (if any) data the file may contain.*
>
> *The broad scope of the actus reus of the offence under section 1 of the CMA 1990 was illustrated in Ellis v. DPP (No. 1) [2001] EWHC 362 (Admin), in which the appellant appealed by way of case stated three convictions under section 1 for using non-open access computer facilities at*

[1] Cyber Crime: Law and Practice – Matthew Richardson; 2014; pg 5

*a university. As a graduate of the university, the appellant had been authorized to use only the open access computer facilities at the university (such authorization did not extend to the restricted access facilities). The appellant was able to use the non-open access computers by using terminals which had been logged on to the accounts of bona fide authorized users. He admitted using those computers to browse the internet. Whilst the appellant did not make representations at appeal, it is noted in the judgment that the appellant in his police interview equated such use to picking up and reading someone's discarded newspaper. A skeleton argument submitted by the appellant earlier in the proceedings argued that the browsing did not constitute the 'use' of the computers for the purposes of the CMA 1990 as the appellant had browsed already activated sites, i.e. that he had merely pressed the 'back' button on the internet browser. This argument did not find favour with the Administrative Division and the Appeal was dismissed".*

Illi ghalhekk il-mens rea mehtieg ghal dawn it-tipi ta' reati skont il-legislazzjoni Ingliza huwa l-intenzjoni mill-awtur li jaccedi ghall-kompjuter meta ma jkunx awtorizzat. Ghalhekk l-att ghandu jsir bl-gharfien specifiku li l-access mhux awtorizzat.

Illi harsa lejn il-provi mressqa, il-Qorti l-ewwel tinnota li fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat treggi legalment u dan ghaliex kif jghid **Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890)**:

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat fil-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioe` oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali

fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Philip Zammit et</u>** fejn inghad li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat mhux hati, izda hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Peter Ebejer</u>**, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn <u>Lord Denning</u> fil-kaz ***Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372*** fejn inghad illi:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so*

*strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi biex il-Qorti tasal biex tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha oltre kull dubju dettat mir-raguni hija trid tezamina l-assjem kollu tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni. Fil-kaz in ezami l-Ufficcjal Prosekutur ressaq diversi xhieda fosthom id-Direttur u mpjegati ohra tal-kumpanija Computer Domain Limited. Ix-xhieda taghhom pero` kienet tikkonsisti biss f'*detto del detto*. L-uniku xhud li xehed fuq dak li huwa ra b'ghajnejh stess kien proprju Etienne Camilleri li huwa l-IT assistant tal-kumpanija Computer Domain.

Illi x-xhud Etienne Camilleri spjega li huwa ra ammont ta' *files* li kienu qed jigu *deleted* mill-*laptop* tal-imputata. Minkejja dan ix-xhud ma qalx li ra lil Mandy Carmen Mifsud li kienet qieghda dak il-hin thassar xi *data* mill-laptop taghha. Fil-fatt ix-xhud qal li nduna mill-i*screen* li kienu qed jigu *deleted* ammont ta' *files* u fl-

ebda hin ma qal li Mandy Carmen Mifsud kienet bilqeghda mad-*desk* taghha qieghda thassar tali *files*.

Illi mill-provi prodotti hareg car ukoll li l-ufficcju tal-imputata u sahanistra l-*laptop* taghha kienu jigu utilizzati minn impjegat iehor. F'dan ir-rigward ghalhekk il-Qorti ma tistax tkun konvinta oltre kull dubju dettat mir-raguni illi kienet propju l-imputata li hassret l-imsemmi *data*.

Illi l-Prosekuzzjoni resqet ukoll ix-xhieda tal-espert Dr. Martin Bajada li esebixxa rapport li jikkonsisti f'lista ta' diversi *files, links* u *data* li gew *retrieved* tramite il-*hard drive* tal-istess *laptop*. Jirrizulta car li kien hemm *data* li gie mhassar mill-*laptop* inkwistjoni. Minkejja dan waqt il-kontroezami tal-istess xhud hareg car ukoll li ma tirrizulta l-ebda data partikolari meta thassret tali informazzjoni. Dr. Bajada fil-fatt jghid: "*gie retrieved dak li gie deleted* <u>*mhux meta*</u> *gie deleted.*" (enfazi tal-Qorti). Apparti minn hekk l-espert qal ukoll li peress li l-*laptop* li nghata lill-imputata mill-kumpanija huwa ta' *business environment* jista' jaghti l-kaz li jkun riciklat u li l-*files* li gew rikoverati jkunu ta' terzi persuni ta' snin ta' qabel. Fil-kaz odjern ma ngabet l-ebda

prova li sar xi process fuq il-*hard drive* qabel il-*laptop* inghata lill-imputata kif spjega l-espert u allura l-Qorti ma tistax tkun konvinta li l-informazzjoni li giet rikoverata kienet thassret mill-imputata.

Illi bl-istess mod il-Qorti ma tistax tkun konvinta li l-informazzjoni thassret fid-data inkriminata ghaliex in effetti ma ngabet l-ebda prova fir-rigward ta' dan. L-akkuza hija limitata ghal data wahda, u cioe` t-8 ta' Awwissu 2014, izda l-Prosekuzzjoni ma resqet assolutament l-ebda prova li f'tali data inkriminata l-imputata nnifisha hassret xi *data* mill-*laptop* u bl-istess mod ma hemmx prova bizzejjed biex il-Qorti tkun konvinta li kienet l-imputata stess li hassret xi telefonati u messaggi mill-*mobile phone*.

Illi gjaladarba l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova biex telimina dawn id-dubji l-Qorti ma tistax tkun konvinta sal-grad li tesigi l-Ligi.

Illi apparti dan kollu jigi rilevat li l-access tal-imputata ghad-*data* kien wiehed awtorizzat u ghalhekk konfrontata b'dan in-nuqqas

ta' mens rea, li huwa ferm importanti sabiex reat taht l-Artikolu 337C jirnexxi, il-Qorti tqis lir-reat addebitat lill-imputata xorta wahda ma jissussistix.

Illi ghal dawn il-motivi kollha l-Qorti ma ssibx lill-imputata Mandy Carmen Mifsud hatja tal-akkuza kif dedotta kontriha u tilliberaha minnha.

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**